Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL
L-GHAXAR KUNSILL
SEDUTA NRU. 3 – L-Erbgħa 8 ta' Awwissu fit-3:00pm.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 8 ta' Awwissu fit-3:00pm.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| | |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

3.1 Talba

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

**3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**3.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

3.3.1 Ma kien hemm ittri ta' apologija.

J.F. de Chambray Street, Ghajnsielem, GSM 1051
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

### 3.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.4.1 Is-Sindku spjega kif l-attivitajiet tal-Iljieli Sajfin jinsabu għaddejin tajjeb ħafna. Bl-għajnuna tal-għaqdiet tar-raħal kellna diversi attivitajiet varji li lkoll kemm huma rnexxew. 'GħajnsielemFest' u 'Echoes from the Sea' ilkoll kellhom attendenza tajba ħafna u l-istess l-attivitajiet l-oħra bħal 'Cocomelon Night', 'Tombola in the Square' u l-għajnuna li offra il-Kunsill għal ikliet li organizzaw l-Għaqda tan-Nar 10 ta' Diċembru, Għajnsielem F.C. u l-Għaqda Armar. Ringazzjament specjali jmur għal Minsiteru għal Għawdex u l-Ippjanar tal-għajnuna finanzjajrja u self tal-'istage' kif ukoll lil Għajnsielem F.C. li qed joffru li waqt 'Pjazza Pedonali' jiftħu l-grawnd għat-tfal u qed ikun hemm attendenza kbira. Jifdal ukoll l-attivita' ta' Sportday gol-grawnd nhar is-6 ta' Settembru.

3.4.2 Is-Sindku għamel referenza għal fatt li l-Kunsill tagħna kkomemora l-għoxrin anniversarju tal-ġemelaġġ bejn Għajnsielem u Tolfa waqt ċerimonja li attenda għaliha huwa flimkien mall-Viċi Sindku Joseph Debono u l-kunsillier Stephen Mercieca f'Tolfarte, Tolfa fl-ewwel ġimgħa t'Awwissu bħala waħda sinjifikattiva . Huwa rrefera wkoll għad-delegazzjoni li ser ikun hawn fostna għal Festa. Żgur li dawn l-iskambji ser jgħinu sabiex ir-relazzjonijjiet bejn il-lokalita t'Għajnsielem u dik ta' Tolfa tkompli tissaħħaħ sabiex iż-żewġ kommunitajiet ikomplu jgawdu u jitgħallmu minn xulxin filwaqt li tkompli tikber il-ħbiberija ta' bejnietna.

3.4.3 Is-Sindku għamel referenza għas-suggeriment suġġerit minn numru ta' NGOs minn Għajnsielem sabiex l-kamra tal-berġa tittranġa u temporanjamet sakemm terġa tinfetaħ bħala berġa tibda tintuża mill-għaqdiet għal-laqgħat tagħhom. Is-Sindku spjega li hemm bżonn li jinbidel is-suffitt li ġarrab ħsarat kbar waqt li kienet qed tinbena il-liberija u daħal l-ilma tax-xita kif wkoll jiġi shifted l-aircondition mil-liberija l-qadima. Il-Kunsill qabel li għandha ssir dan it-tip ta' manutenzjoni sabiex eventwalment jekk tibda tintuża bħala berġa tkun irranġata.

3.4.4 Is-Sindku għamel referenza għal fatt li għadna talba sabiex jitwaħħlu tlett dog bins ġodda fi Triq Lord Nelson, Triq il-Ġnien (faċċata ta' Triq ril-Provigarju) u Triq Bengħażi (parti ta' fuq) peress li kellna domanda kbira għalihom. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Il-kunsillier Stephen Mercieca ressaq it-talba sabiex jiżdied wieħed fi Triq Baħħara. Sar qbil li għandna naraw hemmx fejn jitpoġġa mingħajr ma jkun ta' nkonvenjent għal ħadd.

3.4.5 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li nhar il-Ġimgħa 23 t'Awwissu se jkollna magħna bħala ospiti grupp ta' tfal mill-Ukraijna li tilfu ġenituri tagħhom fil-gwerra li għaddejjin minnha preżentament. Sar qbil li l-ewwel neħduhom boat trip madwar Kemmuna u wara dawra m'Għajnsielem filwaqt li filgħaxija jospitawhom l-għaqdiet għal ikla tal-Festa.

3.4.6 Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 27 t'Awwissu ma jistax jattendi għal laqgħa tar-Regjun u saqsa min jista jattendi minfloku. Sar qbil li ser jattendi l-kunsillier Stephen Mercieca.

3.4.7 Is-Sindku issuġerixxa li jsiru sett ta' publikazzjonijiet għat-tfal tal-iskola bl-istorja t'Għajnsielem. L-iskop hu li it-tfal tagħna li wħud minnhom huma minn familji li m'ilomx ħafna jgħixu fir-raħal tagħna jitgħallmu aktar dwar l-istorja u l-identita' t'Għajnsielem. Qed jigi suġġerit

ktieb għal kull sena minn Year 1 sa Year 4 u jinkludi fih tpinġijiet u informazzjoni edukattiva li tkun addatata skond l-eta' tat-tfal. It-tpinġija tista ssir mill-artisti lokali bħal Paul A. Stellini, Vince Caruana u Alex Lateo. Żgur li dawn it-tpinġijiet jridu diversi xhur sabiex jitlestew u s-Sindku lest li jieħu ħsieb it-tqassim u nformazzjoni edukattiva. L-akbar biċċa xogħol huma t-tpingijiet.

### 3.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera

3.5.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg propona li għandna nibgħatu ittra ta' ringrazzjament lil-Ministeru għal Għawdex tal-fondi u għajnuna biex issir il-fażi il-ġdida ta' Triq Hamri li ma kinix inkluża fit-tender originali.

3.5.2 Il-Kunsillier Larry Buttigieg propona li għandna norganizzawna Lejla Maltija flimkien ma' xi Għaqda bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Huwa propona li s-serata tkun tinkludi f'daqqaqa u għana. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

3.5.3 Il-kunsillier Larry Buttigieg għamel referenza għal qliegħ li sar mit-Tombli li saru għall-Festa sabiex parti minnhom tmur għall-banda.

3.5.4 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-kollaborazzjoni sħiħa li qed nieħdu mill-għaqdiet u s-sapport tagħhom f'kull attivita' li norganizzaw. Huwa fakkar ukoll li minn naħa tagħna qed inkunu kollaborattivi f'kull attivita' li jagħmlu.

3.5.5 Il-Kunsillier Larry Buttigieg rrefera għas-sala ta' San Gużepp li preżentament ser jagħmlulha refurbishment. Attwalment għaddiet f'idejn l-NGO tal-Awtiżmu għat-terapija tagħhom. Propona li nistgħu nitolbu sabiex aħna ukoll nużawha għal xi attivitajiet fosthom ta' tombli fix-xhur tax-xitwa.

3.5.6 Il-Kunsillier Stephen Mercieca propona li nagħmlu Ġita ta' ġurnata fi Sqallija preferibilment għall-aħħar t'Ottubru jew bidu ta' Novembru. Il-Kunsiill qabel ma' din il-proposta.

3.5.7 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għal Pasta/tombola night li ser jiġi organizzat għada u li bħala catering ser jieħu ħsieb kollox l-istabiliment Giuseppe' għal prezz ta' €8 kull persuna u l-qliegh li jifdal imur għal festa u banda.

3.5.8 Il-kunsillier Teddy Saliba fakkar sabiex norganizaw il-Laqgha tal-Lokalita. Sar qbil li l-laqgha għandha ssir fil-ġimghat li ġejjin.

3.5.9 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għal fatt li għandu diversi wheelchairs li jkun jista jgħaddihom lill-Kunsill għal self lil min jiġi bżonnhom. Sar qbil li meta niġu biex nisilfuhom nitolbu donation għall-Arka u nagħmlu kuntratt ta' sitt xhur.

3.5.10 Il-Viċi Sindku Joseph Debono għamel referenza għal fatt li hawn ħafna tfal jiġru fil-lokal wara 10pm u qed jitfgħu l-fire creackers għal bibien tan-nies. Is-Sindku wieġbu li l-Community Police qed jiġi kull filgħaxija minħabba din il-problema sakemm jaqbduhom fil-fatt u jieħdu passi kontrihom.

3.5.11 Il-Viċi Sindku Joseph Debono għamel referenza għall- parkeġġ li qed isir f'kantuniera fi Triq Malta u qed jitolbu għal double yellow lines. Is-Sindku infurmaħ li ser jieħu ħsieb li jsir kemm dak u anke il-bqija ta' triq Harmi.

3.5.12 Il-Viċi Sindku Joseph Debono għamel referenza għas-sigra li hemm fi Triq Borġ Għarib sabiex niżbruha għax qed tagħmel ħafna ħsara lil proprjetajiet li hemm quddiema. Is-Sindku wieġbu li fil-pjan li dna ix-xogħol isir fl-istaġun tax-xitwa.

### 3.6 Korrispondenza

3.6.1 Ġie trattata l-ilment ta' ħtieġa ta' double yellows lines fil-kantuniera ta' proprjeta fi Triq il-Ġnien kantuniera ma' Triq il-Provigaraju. Sar qbil li għandna nitolbu ritratt lir-resident.

3.6.2 Ġiet trattata t-talba għal- loading / unloading bay quddiem l-istabiliment 'Shira Living Design', Triq l-Imġarr Għajnsielem. Sar qbil li din it-talba għandha tiġi riferita lit-Transport Malta.

### 3.7 Update dwar il-proġetti

**3.7.1** Is-Sindku Kevin Cauchi ta update dwar l-andament tal-progetti li għaddejjin bħalissau sar qbil dwarhom:-

**3.7.2** ***Proġett tal-Misraħ fi' Pjazza Madonna ta' Loreto***

-

- Il-Perit qed jaħdem fuq l-speċifikazzjonijiet tal-materjal filwaqt li jlesti l-applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar għal fondi u qed nistennew l-preżentazzjoni tal-ewwel kunċett tad-disinn.
- Twaħħlu bankijiet u bins temporanji provduti mill-Paroċċa t'Għajnsielem filwaqt l-Kunsill ser inaddaf madwarom. Eventwalment wara l-festa nagħmlu żewg flood lights biex jibqgħu hemm permanenti.
- Se titalab stima għal 'light design' minn kumpaniji li għandom esperjenza ta' proġetti ta' Knejjes u pjazzez oħra f'Għawdex.
- Żbir siġar lest.

3.7.3 *Triq Hamri*

- L-ewwel saff tat-tarmak lest

3.7.4 *Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini.*

- Il-fanali twaħħlu
- Qed jigi ippjanat sabiex ix-xogħol jibda aktar tard din is-sena

3.7.5 *Ġnien quddiem l-iskola Primarja*

- Ix-xogħol huwa ppjanat li jibda f'Ottubru
- L-fondi huma minn skema ta' Ambjent Malta.
- Saret talba mal-Ministru għal Għawdex sabiex la se tinqala il-parti ta' quddiem l-iskola, jsir wkoll l-cladding tal-rham mal-faċċata tal-iskola. L-ammonti ta' spejjeż skond il-Boq tat-tender li ġiet awarded mhumiex sostanzjali u għalhekk ikun ta' benefiċċju kbir għal kulħadd jekk dan isir.

3.7.6 *Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra*

- Qed nistennew sabiex jsir onsite meeting sabiex ix-xogħol jibda aktar tad din is-sena. Il-Kunsill Lokali ġab estensjoni (addendum) minn Ambjent Malta sa Ġunju 2025.

3.7.7 *Proġett Playingfield Amabile Cauchi*

- Tender għalaq u għaddej il-proċess ta' l-evalwazzjoni tal-offerti.

3.7.8 *Bini Arkata*

- Eko-Għawdex iffirmaw li jidħlu bħala partners sabiex niksbu 100% tal-fondi neċċċessarji mid-DPF minflok 80%.
- Qed nistennew mill-Perit saibex jfassal dokument tat-tender u l-bqija tad-dokumenti rikjesti mill-Bord tad-DPF tal-Awtorita tal-Ippjanar.

3.7.9 *Ġnien Brieghen mal-Kunsill tax-Xewkija*

- Se jsiru diskussjonijiet mas-Sindku l-ġdid tax-Xewkija sabiex naraw kif se jkun il-pjan ta' ħidma fuq dan il-proġett.

3.7.10 *Tindif tal-Wied Simirat*

- Ix-xogħol ta' tindif għaddej b'rata tajba u bħalissa qed jinbnew il-ħitan tas-sejjieħ tal-ġnub.

### 3.8 Aġġornament dwar il-Proġett tal-Pjazza

3.8.1 Għal din il-laqgħa kien mistieden il-Perit Godwin Sultana biex jagħti spjegazzjoni dwar il-pjanti tal-proġett iżda peress li jinsab indispost dan is-suġġett ser jiġi pospost għal-laqgħa li jmiss.

### 3.9 Laqgħa mal-NGO – Għawdix

3.9.1 Prezenti għal-laqgħa kellna lis-Sur Luke Said ambjentalist li jirrappreżenta lil Nadur Nadif u l-NGO Għawdix. Is-Sur Said spjega kif qed jiltaqa' mal-Kunsilli Lokali kollha sabiex jiskopri x'issues u problemi nħabbtu wiċċna magħhom b'mod partikolari fejn tidħol distruzzjoni tal-kultura kaġunata mill-overpopulation u zvilupp eċċessiv. Huwa talab lill-Kunsill sabiex jiddiskuti miegħu issues u problemi li għandna u li huma bħala NGOs ambjentali jistgħu jghinu sabiex jagħmlu pressure fuqhom.

3.9.2 Ġiet diskussa wkoll l-applikazzjoni tal-proġett tal-Forti Chambray kif wkoll il-pożizzjoni ta' l-għaqda 'Għawdix' f'dan ir-rigward. Is-Sindku rrefera għal pożizzjoni tal-Kunsill Lokali t'Għajnsielem li filwaqt li se jkun qed jistenna l-pożizzjoni tas-Supretendent responsabbli għall-Wirt Kulturali, irreġistra wkoll bħala 'interested party' fiż-żewġ applikazzjonijiet mal-Awotrita tal-Ippjanar. Madanakollu, ġie enfasiżżat li l-ħsara saret fis-snin disgħajn meta din il-fortizza, minkejja l-oġġezzjonijiet u protesti tal-Kunsill, għaddiet f'idejn il-privat għal żvilupp kummerċjali. Il-prijorita tal-Kunsill f'dan l-istadju u fiċ-ċirkustanzi preżenti hija li jiġi restawarat is-swar, il-polverista u l-bini tal-kavallieri kif ukoll titranġa t-triq biswit il-fortizza fuq ir-riħ tax-Xatt l-Aħmar għaliex fil-preżent hija inaċċessibli u f'perikolu li tikkrolla. Huwa wkoll ta' prijorita għal Kunsill li jara li s-swar jibqgħu aċċessibli għal pubbliku filwaqt li l-foss jinfetaħ bħala spazju miftuħ u pubbliku. Il-Kunsill jittama li f'din il-Fortizza, jitlesta l-kostruzzjoni li fadal kemm jista jkun malajr għaliex Forti Chambray issa ilu għaddej bħala "sit ta' kostruzzjoni" għal aktar minn 25 sena. Ix-xewqa tal-Kunsill hi wkoll li jekk se jkun hemm lukanda u stabilimenti kummerċjali, dawn jattiraw turiżmu ta' kwalita u joffru opporunita ta' impjieg għal-lokal. Il-Kunsill qed jitkellem wkoll mal-iżviluppaturi preżenti sabiex il-foss joffri wkoll spazju miftuħ ta' 'obstacle course' għal persuni b'dizabilita' fuq suġġeriment tal-Voice For Inclusion Gozo Association għal tfal b'awtiżmu.

3.9.3 Kemm il-Kunsill Lokali kif wkoll is-Sur Said qablu li dejjem għandna naħdmu id f'id fl-aħjar interess t'Għawdex filwaqt li jinstab bilanċ sostenibli bejn l-iżvilupp u l-ħarsien tal-amjbent u wirt storiku.

## 3.10 Preżentazzjoni tal-publikazzjoni dwar il-Banda San Guzepp u l-Festa

3.10.1 Waqt il-laqgħa ġie mistieden Grezzju Grech l-awtur tal-pubblikazzjoni "Ta' Loretu" li nkitbet fl-okkażżjoni ta' għeluq il-mitt sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Knisja. Il-pubblikazzjoni tikkonsisti f'informazzjoni ntensa dwar il-banda u l-festa t'Għajnsielem. Huwa preżenta xi kopji ta' din il-pubblikazzjoni lill-Kunsill għall-użu tiegħu. Is-Sindku u l-kunsilliera rringrazzjawk u fahhruh għal dan it-teżor ieħor għal-lokalita' ta' Għajnsielem.

## 3.11 Preparamenti Festa 2024

3.11.1 Is-Sindku rrefera għall-preparamenti kbar meħtieġa sabiex tiġi organizzata l-festa anke minn naħa tal-Kunsill Lokali fosthom:-

<u>3.11.2 IMMANIĠJAR TA' TRAFFIKU</u>

- Nhar it-13 t'Awwisu saret laqgħa bejn Sindku, Arċipriet u Supretindent tal-Puluzija fejn ġie diskuss l-immaniġjar tat-traffiku speċjalment il-Ġimgħa waqt il-Marċ tal-Balzunetta.
- Ġejna mitluba nġibu żewġ uffiċjali ta' Transport Malta sabiex it-traffiku jgħaddi lejn il-Heliport u Grand Hotel waqt li Imġarr Road tkun magħluqa.
- Il-ħaddiema tal-Kunsill se jqaqqsmu wkoll il-barriers mnejn se jgħaddi il-marċ.
- Id-dawra tal-Pjazza miż-żewġ naħħat tal-Knisja se tkun magħluwa l-ġimgħa kollha

<u>3.11.3 LATTRINA PUBBLIKA</u>

- Il-Kunsill qabel li l-lattrina pubblika ghandha tibqa miftuħa sa tard bil-lejl sa xhin jispicca il-marċ u żfin/show ta' wara
- Il-Kunsill qabel li ghandu jqabbad ghassa mal-ghassa l-hin kollu sabiex jassiguraw li ma ssirx hsara.

<u>3.11.4 PUNTI OHRAJN</u>

- Se jinkrew żewġ floodlights għal Pjazza Tolfa billi din is-sena se tibda għal ewwel darba banda minn hemm fil-Marċ tal-Hamis 29 t'Awwissu. Il-marċ ser jibda minn hemm fuq tal-Kunsill.
- Stedina għas-Sindku u Kunsilliera għal programm tal-Banda nhar it-Tlieta, 27 t'Awwissu u l-Pontifikal nhar il-Hadd 1 ta' Settembru.

<u>3.11.5 MOBILE TOILETS</u>

Bhas-snin l-imgħoddija minħabba l-influs kbir ta' nies li jkun hawn fil-festa, jkun jintħtieġ li npoġġu bosta mobile toilets. Sar qbil l-għandhom jitpoġġew kif ġej:-

HADD 25 T'AWWISSU
**x2** mobile toilets wara l-każin tal-Banda;

TNEJN 26 T'AWWISU TAL-HADD 1 TA' SETTEMBRU
**x2** mobile toilets Pjazza 10 ta' Dicembru parking area (all week)

HAMIS 29 T'AWWISSU
**x1** Triq Dun Franġisk Mizzi (off Triq Simirat)

ĠIMGHA 30 T'AWWISU
**x2** mobile toilets quddeim 'first & last bar' f'Triq Imgarr
**x1** mobile toilet Triq Cordina wara l-screen faċċata tas-showroom
**x2** quddiem 'Easy Bet' Ghajnsielem Street'
**x1**- Ghajnsielem street c/w bahhara street (NEW)

IS-SIBT 31 T'AWWISSU U HADD 1 TA' SETTEMBRU
**x2** mobile toilets at Pjazza tad-Dehra

3.11.6 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-istedina li l-Kunsill irċieva mingħand l-Arċipriet sabiex nattendu għal Pontifikal tal-Festa nhar l-1 ta' Settembru 2024.

3.11.7 Stedina oħra li l-Kunsill għandu hija dik għall-kunċert tal-banda li ser jinzamm nhar it-Tlieta t'Awwissu 2024.

## 3.12 Delegazzjonijiet minn Tolfa u Loreto ghal Festa 2024

3.12.1 Għal dawn il-ġranet ser ikunu fostna delegazzjoni minn Loreto akkumpanjata mill-Viċi Sindku Nazzareno Pighetti kif ukoll oħra minn Tolfa akkumpanjata minn Onor Alessandro Battilocchio. Ser jiġu ospitati wkoll ir-rebbieħa tal-grupp Olimpiadi ta' Tolfa. Sar qbil li għandna norganizzaw laqgħa uffiċjali magħhom nhar is-Sibt 31 t'Awwissu fis-7:00pm fis-sala tal-Kunsill.

3.12.2 Għalhekk is-Sindku saħaq li huwa importanti li kull kunsillier jagħti daqqa t'id fil-loġistika u tranport matul il-ġranet tal-Festa.

## 3.13 Hruġ tat-Tender tal-Manutenzjoni tal-Latrina Pubblika tal-Pjazza

3.13.1 Il-Kunsill qabel li għandu jiddraftja u jippublika l-offerta tal-manutenzjoni tal-Latrina Pubblika tal-Pjazza. Importanti ħafna li ndaħħlu l-klawsola li wara tlett warnings bil-miktub jaqa l-kuntratt.

## 3.14 Cleanup Event

3.14.1 Is-Sindku għamel referenza għall-Cleanup events li ser jiġu organizzati fl-okkażżjoni tal-Cleanup the World. Il-Kunsill qabel li bħala tindif għandu jsir nhar il-Ġimgħa 20 ta' Settembru fil-5:00pm fil-masġar ta' Lourdes, u is-Sibt 21 ta' Settembru billi jitnaddaf il-Wied tal-Gudja u s-sisien ta' Lourdes bil-għajnuna tal-ERRC. Sar qbil ukoll li bħala għarfien ta' din il-kampanja għandna nqassmu boroż tar-riċiklaġġ lil kull residenza.

## 3.15 Approvazzjoni tal-Pagamenti

3.15.1 Ġie preżentat il-kont tal-kuntrattur Mark Attard kif ċertifikat mill-Perit Godwin Sultana għaall-ammont ta' €36,666.73 li jinkludi bosta xogħolijiet skond il-kont dettaljat. Il-Kunsill approva l-kontenut tal-kont u l-ħlas tiegħu.

3.15.2 Ġiet preżentata l-iskeda numru 134 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

## 3.16 Tmiem tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fis-6:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 26 ta' Settembru 2024 fit-3:30pm.

*Kevin Cauchi*

*Sindku*

*Lucienne Haber*

*Segretarju Eżekuttiv*

1